# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 3**

**Rikors numru 84/18 JPG**

**Wara r-rikors numru 84/2018 JPG deciz fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Gunju, 2018 fl-atti tas-subasta 14/16 bl-ismijiet:**

**BNF Bank plc gja Banif Bank (Malta) plc C41030**

**v.**

**Comprod Group Ltd. C28020, Roderick Falzon u Natasha Falzon**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-kumpannija BNF Bank plc, gia Banif Bank (Malta) plc (C41030), tal-31 ta' Jannar, 2018, li permezz tieghu nghad:

> "Illi permezz ta' digriet datat 23 ta' Jannar 2018 u notifikat lill-kumpannija esponenti gurnata wara, din l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba tal-istess kumpannija esponenti ghall-kompensazzjoni kwantu l-

offerta animo compensandi maghmulha minnha fl-atti tas-subbasta fuq premessa;

"Illi r-ragunijiet li din l-Onorabbli Qorti serhet id-decizjoni taghha fuqhom, huma dawk imsemmija fir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi , minn hawn 'l quddiem imsejjhha 'r-Risposta', prezentata fis-27 ta' Dicembru 2017 u mhux fis-27 ta' Jannar 2017, kif jinghad fid-Digriet;

"Illi in linea preliminari, l-esponenti umilment tissottometti li r-risposta ma setghet qatt titqies valida u dan stante li din giet ipprezentata oltre t-terminu prefiss mil-Ligi;

"Illi l-artikolu 338(2), tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprefiggi terminu ta' 20 jum, entro liema jistghu jsiru risposti bhal dik tal-istess Kummissarju;

"Illi kif jinghad fir-risposta, l-Kummissarju tat-taxxi serrah fuq dan it-terminu biex prezenta l-istess risposta;

"Illi dan ma setax isir stante li fil-kaz odjern, il-Kummissarju tat-Taxxi gie notifikat bir-rikors tal-kumpannija esponenti fit-22 ta' Settembru 2017, izda r-risposta tieghu giet prezentata ben oltre l-perjodu ta' 20 jum, ossija fis- 27 ta' Dicembru 2017 (ara markar bl-ahdar fuq Dok. 'A');

"Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-notifika tan-nota bit-talba ta' hlas ma saritx korrettament;

"Illi Artikolu 59 (1) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta Jghid:

> "Il-Kummissarju jista' jitlob il-hlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) ...."

"Illi kwantu din in-notifika, l-Kummissarju tat-Taxxi qed iserrah fuq il-firem li jidhru fuq ir-ricevuta postali prezentata mar-risposta, stante li presumibilment, wahda minnhom hi tas-subbastat Roderick Falzon f'ismu u qua direttur tal-kumpannija subbastata Comprode group Ltd.;

"Illi bis-sahha ta' dan, il-hlas qed jigi pretiz, mhux biss minghand Comprod Group Ltd., li minnha t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hi presumibilment dovuta, izda wkoll minn ghand Falzon personalment bhala rapprezentant ta' din il-kumpannija;

"Illi l-ewwel nett, taht 'addressee', ma tinsab ebda firma;

"Illi mbaghad, hemm dubbji serji dwar kemm xi wahda mill-firem fuq ir-ricevuta postali, hi effettivament dik tas-subbastat Roderick Falzon, kif qed jigi presunt;

"Illi difatti, konfront bejn il-firem fuq ir-ricevuta postali u firem ohra ta' Roderick Falzon fil-pussess tal-kumpannija esponenti, jikkonferma dawn id-dubbji (ara markar bl-ahdar fuq Dok. 'b');

"Illi in oltre, fl-indirizz fejn presumibilment saret in-notifika tal-avviz u n-nota ta' talba ghall-hlas, ossia f'Carmel Garage, Triq l-Ghollieq, St. Venera, la ghad qed topera l-kumpannija subbastata Comprod Group Ltd. u wisq anqas qed jirresjedi s-subbastat Roderick Falzon u dan johrog mis-serje shiha t'attentati ta' notifika li ghamlet il-kumpannija esponenti matul il-kors tas-subbasta u l-proceduri li precedewha, liema attentati rrizultaw dejjem fin-negattiv, hekk kif jirrizulta mill-process innifsu;

"Illi fin-nota ta' talba ghall-hlas, il-Kummissarju tat-Taxxi kkonceda biss hamest ijiem biex isir il-hlas, meta l-Ligi tikkoncedi tletin;

"Illi in vista ta' dan, il-Kummissarju tat-Taxxi ma jistax jippretendi li jithallas mill-propjeta oggett tas-subbasta fuq premessa, liema propjeta kienet tappartjeni unikament lill-imsemmi Roderick Falzon;

"Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fis-mertu, il-kumpannija esponenti umilment tissottometti ulterjorment:

"Fl-ewwel lok, il-Kummissarju tat-taxxi jsostni li t-talba tal-kumpannija esponenti kellha tigi michuda, abbazi tal-privilegg li hu ghandu ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Illi dan l-Artikolu, precizament is-subartikolu (2) jghid:

> "..... il-Kummissarju jista' jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba ghall-hlas li ssir permezz ta' att gudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirregistra fir-registru pubbliku jew fir-registru tal-artijiet, skont il-kaz, nota ta' privilegg ghall-ammont mitlub fl-att gudizzjarju u dik in-nota ta' privilegg tista' tigi registrata minn kull avukat jew nutar."

"Illi skond din id-dispozizzjoni tal-Ligi, l-Kummissarju tat-Taxxi jkollu privilegg biss jekk dan ikunipprezenta att gudizjarju u mill-anqas jumejn wara n-notifika tieghu, jkun irregistrah permezz ta' nota skond il-Ligi, izda minkejja dan l-istess Kummissarju ma prezenta ebda evidenza f'dan ir-rigward mar-risposta u dan ukoll bi ksur tal-Artikolu 338(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'Malta li jghid:".... Dawn il-persuni ghandhom flimkien mar-risposta jipprezentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opozizzjoni taghhom";

"Illi ma jistax jinghad allura li l-Kummissarju ghandu l-privilegg imsemmi minnu;

"Illi apparti dan u bla pregudizzju ghas-suespost, il-Kummissarju tat-Taxxi m'ghandux dritt li f'dan l-istadju avvanzat tas-subbasta, jdur fuq il-propjeta mibjughha u jippretendi li jithallas minnha u dan stante li l-bejgh lahaq sar, l-propjeta` nhallet mill-patrimonju tas-subbastat Roderick Falzon u fin-nuqqas ta' privilegg registrat, l-istess Kummissarju ma jistax jiprevalixxi ruhu mid-diritto di seguito;

"Fit-tieni lok, il-propjeta oggett tas-subbasta fuq premessa, kienet tappartjeni kollha lis-subbastat Roderick Falzon u mhux lill-kumpannija subbastata Comprod Group Ltd., u l-Kummissarju tat-Taxxi qed jippretendi li jithallas minn din il-propjeta, unikament ghaliex Falzon kien direttur ta' din il-kumpannija u allura rapprezentant skond il-Ligi;

"Illi f'dan ir-rigward, l-Artikolu 66(5) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li:

> "Rapprezentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qieghed jirrapprezenta ghat-taxxa dovuta minn dik il-persuna: izda meta ir-rapprezentant ikun agixxa in bona fede u ma jkunx qieghed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni ohra taht dan l-Att, ir-responsabbiltà tieghu taht dan is-subartikolu ghandha tkun limitata ghall-flus jew ghall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qieghed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezantant taghha."

"Illi l-imsemmi subartikolu (4) jghid:

> "Rapprezentant li jkollu taht it-tmexxija jew kontroll tieghu xi flus jew proprjetà ta' persuna jew dovuti lil persuna li huwa jkun rapprezentant taghha ma ghandux jiddisponi minn dawk il-flus jew proprjetà kemm-il darba ma jkunx haseb bizzejjed ghal kull taxxa dovuta taht dan l-Att."

"Illi fir-risposta, l-Kummissarju tat-taxxi ma gabx provi li juru li s-subbastat Roderick Falzon kien in mala fede jew li kien xjentement qed jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew xi obbligazzjoni ohra taht il-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, u allura r-responsabbiltà tieghu ghandha tkun limitata ghall-valur tal-proprjetà amministrata jew kkontrollata minnu u li tappartjeni lill-kumpannija subbastata Comprod Group Ltd., liema propjeta` zgur mhix dik oggett tas-subbasta fuq premessa;

"Illi dan in-nuqqas ta' provi jikkostitwixxi wkoll ksur tad-dispozizzjoni tal-Artikolu 338(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li kif gia` muri, jesigi l-prezentazzjoni tal-provi kollha minn min jopponi talba ghall-kumpensazzjoni;

"Illi finalment u bla pregudizzju ghas-suespost, il-kumpannija esponenti ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, cedola ta' depozitu ghall-ammont ta' taxxa fuq il-valur Mizjud li l-Kummissarju tat-Taxxi qed jippretendi;

"Illi dan id-depozitu sar bhala sinjal ta' rieda tajba u in garanzija tal-pretenzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi, sakemm din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi jekk dawn il-pretenzjonijiet humiex fondati u wkoll x'ghandu jsir mill-fondi hekk depozitati;

"Illi l-Kummissarju tat-taxxi kien l-uniku li oppona t-talba ghall-kumpensazzjoni tal-kumpannija esponenti u allura, b'dan id-depozitu, ma jifdal ebda ostaklu iehor biex l-offerta animo compensandi tal-kumpannija esponenti tigi approvata u b'hekk il-propjeta oggett tas-subbasta tghaddi f'idejha;

"Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet esposti, l-kumpannija esponenti bil-qima titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka a contrario imperio d-Digriet taghha tat-23 ta' Jannar 2018 u minflok tilqa t-talba ghall-kompensazzjoni kwantu l-offerta animo compensandi maghmulha minnha u dan skond dawk id-dispozizzjonijiet li jidhrulha xierqa u opportuni".

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi tas-16 ta' Frar, 2018, li permezz taghha rrileva:

"Illi, b'digriet tat-23 ta' Jannar, 2018, din l-Onorabbli Qorti cahdet ir-rikors animo compensandi tas-socjeta` attrici datat 12 ta' Settembru, 2017;

"Illi s-socjeta` attrici pprezentat rikors iehor nhar il-31 ta' Jannar, 2018;

"Illi, permezz ta' digriet tal-1 ta' Frar, 2018, din l-Onorabbli Qorti ordnat in-notifika tal-istess bi dritt ta' risposta fi zmien ghaxart ijiem;

"Illi s-socjeta` attrici lmentat li r-risposta tal-esponent ma setghet qatt titqies valida stante li giet ipprezentata oltre t-terminu prefiss mill-ligi;

"Illi s-socjeta` attrici tallega wkoll li n-notifika tan-nota bit-talba ta' hlas ma saritx korrettement u, f'dan is-sens, ticcita erronjament artikolu 59(1) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-artiklu ccitat minnha kellu jkin artikolu 59(2);

"Illi, ghal kull buon fini u kjarifa, ser jigi ccitat artiklu 59(1) u 59(2):

> "59.(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

> "(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar.

"Illi l-elementi ta' artiklu 59(1) kienu sodisfatti ghall-finijiet tal-ligi mill-Kummissarju, liema elementi huma s-segwenti:

"i) Li jinhareg Avviż mill-Kummissarju;

"ii) Liema avviz juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna;

"iii) Ma tingiebx prova kuntrarja ghall-istess mid-debituri li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju; u

"iv) Li dan l-avviz għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv;

"Illi, wkoll skont artikolu 59(2), l-istess Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna:

"i) bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u

"ii) jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data ta' meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Illi tali hlas baqa' ma sarx sa' llum mid-debituri;

"Illi s-socjeta` attrici, fir-rikors taghha, aktar qed tagixxi qua d-difensur tad-debituri milli thares l-interessi taghha tant li tasal li ddahhal dubju fuq il-veracita` tal-firem tad-debituri u dan minghajr ma tressaq ebda prova tangibbli li dawn mhumiex il-firem tad-debituri;

"Illi, sabiex tigi verifikata l-veracita` tal-firem, kellu jitqabbad espert tal-firem u mhux sempliciment li l-kumpannija attrici tistrieh fuq dak li ssejjahlu, b'mod simplistiku, "konfront bejn il-firem fuq ir-ricevuta postali u firem ohra ta' Roderick Falzon fil-pussess tal-kumpannija esponenti, jikkonferma dawn id-dubji";

"Illi, ghal kull buon fini, l-ittra ufficjali versu Comprod-Group Limited u Roderick Falzon inharget fl-indirizzi ufficjali hekk kif indikati fir-Registru tal-Kumpaniji;

"Illi jrid jinghad li n-nota ta' talba ghall-hlas giet impustata personalment minn zewg spetturi tad-Dipartiment tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud fl-indirizz tal-kumpannija ndikat fir-Registru tal-Kumpanniji u fl-indirizz tad-direttur kif indikat kemm fir-Registru tal-Kumpanniji u kemm fuq il-karta tal-identita';

"Illi jekk id-direttur biddel l-indirizz tieghu dan kien obbligat li javza, fost ohrajn, kemm lid-Dipartiment tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud u wkoll lir-Registru tal-Kumpanniji;

"Illi s-socjeta` attrici tilmenta li l-Kummissarju tat-Taxxi kkonceda biss hamest ijiem meta l-ligi tikkoncedi tletin, b'dan illi l-kumpannija attrici naqset li zzid li, d-debituri ghadhom ma hallsux it-taxxa dovuta minnhom;

"Illi s-socjeta` attrici tilmenta li l-Kummissarju tat-Taxxi ma pprezenta l-ebda privilegg. Jigi sottolineat illi l-Kummissarju tat-Taxxi ma kellu ebda htiega li jiskrivi privilegg fir-Registru Pubbliku ghax il-privilegg jemani mill-ligi nnifisha u cioe` artiklu 62 tal-Kap 406:

> "Il-Kummissarju ikollu privileġġ speċjali fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt dan l-Att u t-taxxa msemmija għandha titħallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor, ħlief dejn li jkollu privileġġ ġenerali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew(b) tal-Kodiċi Ċivili." (emfasi mizjuda)

"Illi, hawn ukoll, is-socjeta` attrici tidher li hija nieqsa minn gharfien tal-ispecifitajiet tal-Kap 406, jew konvenjentement ma ssemmihomx;

"Illi, bhala kreditur interessat u privileggiat, il-Kummissarju tat-Taxxi ghandu kull dritt li jidhol fil-proceduri tas-subbasta sabiex jikkawtela l-kreditu tieghu, u l-Kummissarju tat-Taxxi dahal fis-subbasta permezz ta' Nota bhala kreditur ezekutant;

"Illi ghar-rigward li l-proprjeta` kienet tappartjeni lis-subbastat Roderick Falzon, l-artiklu 66(4)(5), iccitat mill-istess socjeta` attrici, jipprovdi b'mod car dwar ir-responsabbilita` tar-rapprezentant tal-kumpannija, partikolarment artiklu 66(4) li jistipola li rapprezentant li jkollu taht it-tmexxija, jew kontroll tieghu, xi flus jew proprjeta` ta' persuna jew dovuti lil persuna li huwa jirrapprezenta "ma ghandux jiddisponi minn dawk il-flus jew proprjeta` kemm-il darba ma jkunx haseb bizzejjed ghal kull taxxa dovuta taht dan l-Att" – aktar cara minn hekk il-ligi ma tistax tkun dwar ir-responsabbilta ta' rapprezentant ta' kumpannija ghall-hlas tat-taxxa;

"Illi d-direttur Roderick Falzon kien l-uniku direttur tal-kumpannija u allura l-oneru li jipprezenta d-denunzji tal-kumpannija u jhallas l-

> ammont ta' taxxa dovuta kien unikament jinkombi fuqu, imma d-direttur naqas milli jhares dan l-oneru;
>
> "Ghaldaqstant, dan hu l-qofol kollu ghaliex il-Kummissarju tat-Taxxi oppona r-rikors ta' kompensazzjoni tas-socjeta` attrici, b'dan illi ladarba s-socjeta` attrici ddepozitat l-ammont ta' taxxa dovuta, u ladarba l-Kummissarju jigi awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jizbanka l-istess ammont qua kreditur privileggiat, taht dawk id-dispozizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni, il-Kummissarju ma jibqghalu ebda oggezzjoni li t-talba ghall-offerta animo compensandi tas-socjeta` attrici tigi approvata".

Rat in-nota tas-socjetà Bank of Valletta p.l.c. li permezz taghha filwaqt li zammet fermi l-pretensjonijiet taghha kontra l-intimati Roderick Falzon u Natasha Falzon, iddikjarat li ma kienitx qeghda topponi ghall-kompensazzjoni mitluba mis-socjetà BNF Bank plc, gia Banif Bank (Malta) plc, u dana peress li l-pretensjoni tal-istess BNF Bank p.l.c. kif indikata, il-kreditu tal-istess bank huwa pozjuri.

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Gunju, 2018, li permezz tieghu ddecidiet il-kaz billi laqghet it-talba tas-socjetà rikorrenti u filwaqt li rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tat-23 ta' Jannar, 2018, laqghet it-talba ghall-kompensazzjoni in kwantu ghall-offerta *animo compensandi* maghmula minnha. Bl-ispejjez kollha ta' dik l-istanza jithallsu mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Dak id-digriet inghata wara li l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Dan huwa digriet wara rikors intavolat mis-socjeta BNF Bank plc li permezz tieghu qed tintalab ir-revoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-23 ta' Jannar 2018 u minflok tilqa' t-talba ghall-kompensazzjoni kwantu l-offerta animo compensandi maghmula minnha.

"Permezz tad-digriet tat-23 ta' Jannar 2018, il-Qorti kienet cahdet it-talba ghall-kompensazzjoni kwantu l-offerta animo compensandi ghar-ragunijiet moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi fir-rikors tieghu tas-27 ta' Dicembru 2017. Skont is-socjeta rikorrenti pero, ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ma setghet qatt titqies bhala valida ghaliex giet prezentata oltre l-perjodu ta' ghoxrin jum stabbiliti mill-Artikolu 338(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha wkoll fuq allegati irregolarijiet irravvizati minnha fir-rigward tan-notifika tan-nota bit-talba ta' hlas, u anke ghaliex, skont is-socjeta rikorrenti, il-Kummissarju tat-Taxxi m'ghandux il-privilegg msemmi minnu, u wkoll ghaliex f'dan l-istadju il-Kummissarju tat-Taxxi ma jistghax jippretendi li jithallas meta l-bejgh diga sar u allura l-proprjeta nhallet mill-patrimonju ta' Roderick Falzon.

"Fir-risposta tieghu, il-Kummissarju tat-Taxxi oggezzjoni ghal din it-talba tas-socjeta rikorrenti, u argumenta illi m'hemm l-ebda irregolaritajiet fir-rigward tan-notifika tat-talba maghmula kontra Falzon, u ghaliex Falzon, qua unika direttur tal-kumpanija naqqas milli jhares l-obbligi tieghu ta' denunzja u hlas tat-taxxa dovuta, u ghalhekk huwa responsabbli wkoll personalment.

"Il-Qorti rat illi l-Kummissarju tat-Taxxi ma ressaq l-ebda argument fir-rigward tal-allegazzjoni tas-socjeta rikorrenti illi r-risposta prezentata mill-Kummissarju tat-Taxxi fit-22 ta' Dicembru 2017 kienet tardiva u ghalhekk m'hijiex valida u ma kellhiex tigi accettata mill-Qorti.

"Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 338(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ssir talba sabiex tigi approva tpacija mill-Qorti:

> "*Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettal ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejjsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom*."

"Il-Qorti rat illi l-Kummissarju tat-Taxxi kien notifikat bir-rikors tas-socjeta rikorrenti ai termini tal-Artikolu 338 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fit-22 ta' Settembru 2017, u dan kif jirrizulta mit-timbru tan-notifika a fol 305 tal-process tas-subbasta. Ghalhekk, skont il-ligi, l-Kummissarju tat-Taxxa kellu sal-11 ta' Ottubru 2017 sabiex jipprezenta r-risposta tieghu. Il-Qorti rat illi pero l-Kummissarju tat-Taxxa pprezenta r-risposta tieghu fis-27 ta' Dicembru 2017, u dan kif jirrizulta mill-atti tas-subbasta a fol 323. Ghalhekk huwa car illi r-risposta tal-Kummissarju

tat-Taxxa hija tardiva sew, u dan billi giet prezentata aktar minn xahrejn tard.

"Il-Qorti rat illi z-zmien moghti lil Kummissarju tat-Taxxi sabiex jipprezenta r-risposta tieghu m'huwiex wiehed gudizzjarju izda huwa wiehed legali. Skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Rita Portelli vs l-Onorevoli Prim'Ministru et deciza fit-30 ta' Marzu 1987:

> "...*terminu huwa perentorju meta dan ikun stabbilit in forza ta' ligi, u trid tkun il-ligi li tghid jekk terminu hux perentorju jew le. Altrimenti t-terminu jkun wiehed mhux perentorju f'liema kaz, il-Qorti tkun awtorizzata li taghtih fid-diskrezzjoni taghha u tipprorogah ghal raguni gusta u fl-ahjar interess tal-gustizzja.*"

"Il-Qorti taghraf illi dan l-insejament huwa bbazat fuq l-Artikolu 106 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skont liema:

> "*Iż-żmien legali jew ġudizzjarju, meta mhux perentorju, jista' jiġġedded għal raġuni tajba, kemm-il darba t-talba għal dan it-tiġdid tiġi magħmula fiż-żmien li tiegħu jintalab it-tiġdid*."

"Il-Qorti rat illi l-Kummissarju tat-Taxxi ma talabx awtorizazzjoni sabiex jipprezenta r-risposta tardivament. Di piu' din il-Qorti ma gietx maghrfa b'ebda raguni valida ghal din it-tardivita. Minkejja li ma talab ghal ebda awtorizzazzjoni ghal prezentata tardiva tar-risposta tieghu, il-Qorti tqis illi dan mhuwiex kas li jimporta fuqu n-nullita ta' risposta.

"Ghal rigward il-firem 'dubbjuzi' tad-debitur Roderick Falzon, il-Qorti taghraf illi dan mhuwiex l-istadju jew il-forum li fih wiehed jista' jezamina jew jinvestiga l-awtenticita' o meno taghhom.

"Dak illi pero li jhasseb serjament lil din il-Qorti huwa il-mod legger, kwazi kavalleresk, illi bih il-Kummissarju tat-Taxxi jqis illi ghandu d-dritt illi jisvesti lir-rikorrent minn protezzjoni moghtija lilu mil-Ligi dwar il-kumpaniji, cioe' dak li msejjah *'limited liability'* u jqis, minn rajh, lil Roderick Falzon personalment responsabbli ghad-djun tal-kumpanija Comprod bil-proprjeta' personali kollha tieghu (ta' Falzon).

"Il-Qorti tqis illi dan l-isvestar tal-protezzjoni moghtija mil-ligi tal-kumpaniji, jista' jsir biss kemm-il darba il-kwistjoni tan-nuqqas ta' buona fede tar-rapprezentant tas-socjeta' Comprod Group ai termini tal-Artikolu 66(5) tal-Kap 406 jew l-obbligi tieghu, jigi meqjus bhala tali minn accertament jew pronunzjament gudizzjarju, vide f'dan is-sens HSBC Bank Malta P.l.c vs Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u Kuraturi, deciza minn din il-Qorti fis-17 ta' Ottubru 2016[1]".

[1] Soggetta ghall-Appell.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Gunju, 2018, fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tilqa' l-appell odjern. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjetà appellata.

Rat ir-risposta tal-appell tal-kumpannija BNF Bank plc, gia Banif Bank (Malta) plc, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm moghtija talbet li din il-Qorti tichad ir-rikors tal-appell u l-aggravji kollha msemmija fih u tikkonferma d-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Gunju, 2018. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Semghet lid-difensuri tal-Kummissarju appellant u tal-Bank appellat, jitrattaw l-appell in ezami u rat li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza tittratta revoka *contrario imperio* ta' digriet tal-ewwel Qorti li kien cahad it-talba tal-Bank ghall-kompensazzjoni *animo compensandi* wara opposizzjoni da parti tal-Kummissarju tat-Taxxi. Wara li l-ewwel Qorti kkonsidrat mill-gdid il-kaz, irrevokat id-digriet precedenti taghha tat-

23 ta' Jannar, 2018 u laqghet it-talba tal-Bank ghall-kompensazzjoni *animo compensandi.*

Jibda billi jigi trattat il-punt imqajjem minn din il-Qorti, dwar il-validità tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi, ai termini tal-Artikolu 229(1)(k) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), li *inter alia* jipprovdi li appell minn digriet dwar jekk tintlaqax talba ghar-revoka jew emenda ta' digriet, huwa wiehed minn dawk id-digrieti li jista' jsir biss wara l-ghoti ta' sentenza definitiva, flimkien ma' appell minn dik is-sentenza u li dawn id-digrieti ma jistghux jigu kkontestati qabel ma tinghata s-sentenza definittiva.

Il-Kummissarju appellant invoka favur l-appell tieghu l-provvediment mahsub taht l-Artikolu 338(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li meta l-Qorti tilqa' t-talba sabiex tigi approvata t-tpacija (wara li ssir offerta *animo compensandi),* kull min ghandu interess jikkontesta, jista', fi zmien ghoxrin gurnata, jipprezenta appell permezz ta' rikors.

Wara li din il-Qorti kkonsidrat li, ghalkemm permezz tad-digriet appellat tal-11 ta' Gunju, 2018, l-ewwel Qorti kienet qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha tat-23 ta' Jannar, 2018, fejn kienet cahdet it-talba tal-Bank appellat ghall-kompensazzjoni *animo compensandi* maghmula fl-atti tas-subbasta 14/2016, effettivament, meta

bl-ahhar digriet taghha l-ewwel Qorti laqghet it-talba ghall-kumpens, dan kien digriet li jinkwadra ruhu taht l-Artikolu 338(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi ladarba dan l-ahhar digriet appellat, jinkwadra ruhu taht il-provvediment tal-Artikolu 338(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jista' jsir appell mill-imsemmi digriet fi zmien ghoxrin jum minn min ghandu interess jikkontesta dak id-digriet. M'hemmx dubju li l-Kummissarju tat-Taxxi ghandu interess jikkontesta dak id-digriet.

Isegwi li l-appell tal-Kummissarju appellant seta' jsir ladarba jaqa' taht il-provvediment tal-Artikolu 338(4) u ghalhekk il-Qorti ser tipprocedi sabiex tittratta l-appell fil-mertu.

L-appell tal-Kummissarju appellant huwa msejjes fuq zewg aggravji principali: (1) li r-rikors ipprezentat mis-socjetà appellata ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, gie pprezentat intempestivament peress li ma giex ipprezentat fi zmien sitt ijiem kif mahsub taht l-Artikolu 229(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u (2) li d-decizjoni finali tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet imsejsa fuq il-protezzjoni normalment moghtija lid-diretturi (f'dan il-kaz Roderick Falzon) minhabba n-natura ta' socjetà b'responsabbilità limitata. Fil-fehma tal-Kummissarju appellant, din il-protezzjoni kellha titwarrab minhabba l-provvedimenti kontemplati fl-Artikolu 66 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, (L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

Fir-rigward tal-ewwel aggravju, jigi osservat illi digriet interlokutorju huwa dak li permezz tieghu tigi deciza xi kwistjoni li tirregola l-andament tal-proceduri waqt li dawn ikunu ghadhom mexjin. Dan huwa digriet li ma jikkostitwix gudikat ghall-Qorti li tkun ppronunzjatu u konsegwentement jista' jkun soggett ghar-revoka *contrario imperio* tal-istess Qorti li tkun tatu (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Dicembru 1998, fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Abela v. Perit Fredrick Valentino et**). Min-naha l-ohra, digriet definittiv itemm kontroversja bejn il-kontendenti. Kwindi huwa ritenut li d-digriet tat-23 ta' Jannar, 2018 huwa wiehed interlokutorju. Inoltrè d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili in kwistjoni, nghata in kamera. Dan ifisser li jghodd ghalih il-provvediment tal-Artikolu 249(10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li fih jinghad:

> "*Meta digriet interlokutorju jkun inghata in camera, dan ghandu ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu u ghall-ghanijiet tal-kalkolu ta' kull zmien li jkun hemm fih stabbilit, jitqies bhala li jkun inqara bil-miftuh fil-qorti fid-data tal-ewwel seduta ta' dik il-kawza li tigi minnufih wara li jkun inghata d-digriet mill-qorti in camera*." (sottolinjar ta' din il-Qorti).

Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza tas-7 ta' Mejju, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Julia Coleiro v. Carmel Coleiro**:

> *"Apparti l-fatt li, kif inghad, l-istess qorti ghandha l-fakolta` tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha, u apparti l-mezz ta' kontestazzjoni kontemplat fl-Artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (procedura ta' kontestazzjoni li trid issir entro terminu stabbilit li, f'kaz ta' digriet in camera, jibda jghodd mid-data tal-ewwel seduta ta' dik il-kawza li tigi minnufih wara li jkun inghata d-digriet mill-qorti in camera) …"* (sottonlinjar ta' din il-Qorti).

Fil-kaz in ezami, qari fil-miftuh tad-digriet moghti *in camera*, fit-23 ta' Jannar, 2018, kif kontemplat mill-artikolu appena citat ma sehhx. Dan peress li wara li nghata d-digriet kamerali, il-Bank appellat ressaq ir-rikors tieghu fejn talab ir-revoka *contrario imperio* tal-istess digriet, quddiem l-ewwel Qorti fil-31 ta' Jannar, 2018. L-ewwel Qorti ordnat li dan l-istess rikors jigi notifikat lill-kontroparti bid-dritt ta' risposta fi zmien ghaxart ijiem u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-22 ta' Frar, 2018. Kwindi applikat il-provvediment tal-Artikolu 229(10) ghall-kaz, din il-Qorti ma tqisx li seta' jiddekorri t-terminu indikat mill-Kummissarju appellant, qabel din id-data. Isegwi li ma tirrizultax l-intempestività sollevata mill-Kummissarju appellant u ghalhekk l-ewwel aggravju ser jigi michud.

Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju, dak fejn il-Kummissarju appellant, jikkontendi li l-protezzjoni li normalment tinghata lid-diretturi ta' socjetà b'responsabbilità limitata, kellha titwarrab minhabba l-provvedimenti kontemplati fl-Artikolu 66 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, (L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud). Min-naha l-ohra, il-Bank appellat jikkontendi li kien hemm diversi nuqqasijiet fil-proceduri maghmula mill-Kummissarju appellant fil-konfront tad-debitur li jwasslu sabiex il-pretensjonijiet tal-Kummissarju appellant ma jistghux jintlaqghu.

Ladarba l-Kummissarju appellant ressaq l-opposizzjoni tieghu ghall-kumpens *animo compensandi* a bazi ta' privilegg specjali msejjes fuq

titolu ezekuttiv kif jipprovdi l-Kap. 406, jehtieg li l-ewwel jigi investit l-ilment tal-Bank appellat fis-sens li jekk kemm-il darba tabilhaqq jirrizultaw in-nuqqasijiet fil-proceduri mressqa mill-Kummissarju appellant, ma jkunx mehtieg li din il-Qorti tinvesti l-ilment tal-Kummissarju appellant ulterjorment. Wara li din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kaz, irrizultalha li ghalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi fir-risposta tieghu jikkontendi li n-nota ta' talba ghall-hlas giet impustata personalment minn spetturi tad-Dipartiment, ma hemm ebda prova li tikkorrobora dan. Li jirrizulta mill-atti huwa li, il-Kummissarju appellant hareg nota bit-talba relattiva ghall-hlas ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap.406, kemm fil-konfront ta' Comprod Group Limited, kif ukoll fil-konfront ta' Roderick Falzon, li ntbaghtet permezz ta' posta registrata. Lil hinn mid-dubji validi mqanqla mill-Bank appellat, dwar il-validità tan-notifiki tal-istess ittri lis-socjetà debitrici u lid-direttur taghha Roderick Falzon, in kwantu ma tirrizultax il-firma tad-destinatarju fil-post allokat appozitament fir-referta, ghandu jinghad li, ghall-fini tal-proceduri odjerni, din il-Qorti wkoll ma tqisx ruhha sodisfatta mill-pretensjonijiet tal-Kummissarju appellant.

Dan qieghed jinghad wara li din il-Qorti osservat, kif kellha okkazjonijiet ohra li taghmel illi, sabiex ikunu jistghu jittiehdu proceduri ezekuttivi kontra rapprezentant ta' socjetà kummercjali a bazi tal-Artikolu 66 tal-Kap. 406, ikun irid jirrizulta li ntbaghtu kemm lis-socjetà kummercjali, bhala debitur principali, kif ukoll lilu personalment, l-istima tat-taxxa u l-

avviz relattiv, li jaghtu l-possibbilità li jigu kkontestati l-pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxa. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti diversament komposta tas-26 t'April, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **Victor Zammit v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud et**). Sakemm ma jirrizultax li kemm id-debitur principali, kif ukoll id-direttur bhala rapprezentant taghha, wara li gew debitament notifikati, nghataw il-possibbilità li jappellaw u jikkontestaw il-pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxa, il-Kummissarju appellant m'ghandux johrog "*demand notice".*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ma jirrizultawx provi cari in atti, fis-sens li saru tali proceduri fil-konfront tas-socjetà debitrici u tad-direttur taghha. Dan jinghad referibilment ghall-istima (dik provizorja u dik finali) mehtiega li ssir ghall-fini tal-Artikolu 32 *et sequitur* tal-Kap. 406. Fil-fatt l-Artikolu 43 tal-istess Kapitolu jipprovdi li, kull min ihossu aggravat wara li jkun debitament notifikat b'tali stima, jista' jressaq appell quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva. F'dan il-kaz ma nghata ebda dettall fuq dan l-aspett da parti tal-Kummissarju appellant. Dan meta kien jispetta lill-Kummissarju appellant li jressaq mar-risposta tieghu kull prova relevanti sabiex jissostanzja l-opposizzjoni tieghu ghat-tpacija proposta mill-Bank u dan ai termini tal-Artikolu 338(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti fis-sens li, fin-nuqqas ta' prova cara li t-titolu ezekuttiv vantat mill-Kummissarju appellant huwa wiehed validu, fis-sens li rrispetta l-principji ta' gustizzja naturali li jaghtu l-opportunità lid-debituri li jikkontestaw il-pretensjonijiet tal-Kummissarju appellant, iwassal lil din il-Qorti sabiex ma tqisx tali pretensjonijiet attendibbli bizzejjed sabiex jostakolaw it-talba tal-Bank ghall-kompensazzjoni *animo compensandi.* Ovvjament dan qieghed jinghad limitatament ghall-iskop ta' dawn il-proceduri u minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni spettanti lill-Kummissarju fil-konfront tal-allegati debituri tieghu fi proceduri separati. Ladarba jirrizulta dan in-nuqqas ta' natura fundamentali, mhux ritenut mehtieg li din il-Qorti tinvesti dan l-appell ulterjorment.

Inoltrè, huwa mehtieg ukoll li jigi accertat li n-noti mahruga fil-konfront tas-socjetà debitrici u tad-direttur in rapprezentanza taghha jigu segwiti b'interpellazzjoni permezz ta' att gudizzjarju kif jitlob l-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406. Kif inghad minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tad-29 ta' Novembru, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **Francis X. Fenech et v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud:**

> "*Dan l-artikolu jghid li l-Kummissarju jista' jitlob il-hlas tat-taxxa "li ghandha tithallas minn persuna skont dan l-att" bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, li jfisser li dik il-persuna li, skont il-ligi, ghandha thallas it-taxxa (f'kaz ta' socjeta` kummercjali, l-istess socjeta`, u rapprezentant taghha ai termini tal-Artikolu 66(5) tal-istess Att) <u>ghandha tigi mitluba</u> thallas it-taxxa permezz ta' nota ta' talba ghall-hlas; jekk dik il-persuna hekk notifikata ma thallasx fiz-zmien tletin jum, il-Kummissarju jista' jipprocedi biex jigbor il-hlas "wara jumejn min-notifika lil dik il-persuna*

> *ta' talba ghall-hlas li ssir permezz ta' att gudizzjarju". Il-ligi trid li kontra min se jittiehdu proceduri ezekuttivi ghall-hlas tat-taxxa jrid l-ewwel jigi mitlub ihallas bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, u wara jigi notifikat b'att gudizzjarju*".

Il-Kummissarju tat-Taxxi fir-risposta tieghu jghid li, ipprezenta ittri ufficjali fil-konfront ta' Comprod-Group Limited u Roderick Falzon, u ghalkemm dan ma jirrizultax mill-atti, madankollu peress li dawn huma atti gudizzjarji, il-Qorti ghandha xorta tiehu konjizzjoni taghhom, ladarba huma atti pprezentati fir-registru tal-Qorti. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti (sede inferjuri) tat-22 ta' Jannar, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta v. V & C Contractors Limited**). Ladarba l-Qorti ghandha l-mezzi ghad-disposizzjoni taghha sabiex tivverifika dak l-istess att u taccerta ruhha mhux biss li kien prezentat izda anke notifikat, hekk ghamlet din il-Qorti. Fil-fatt jirrizulta li l-ittra ufficcjali tas-27 ta' Dicembru, 2017, giet notifikata lil Roderick Falzon permezz tal-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni, pero`, kif inghad ma jirrizultax li hu personalment gie notifikat bin-nota tat-talba ghall-hlas.

L-ewwel ittra ufficjali li ghamel il-Kummissarju appellant limitatament fil-konfront ta' Comprod Group Limited, ma saritx ukoll fil-konfront ta' Roderick Falzon u lanqas ma kienet debitament notifikata lilhom, kwindi ma tiswiex. It-tieni ittra ufficjali li saret fil-konfront tas-socjeta` Comprod Group Limited u Roderick Falzon saret fis-27 ta' Dicembru, 2017, l-istess gurnata li l-Kummissarju appellant ressaq ir-risposta tieghu quddiem l-

ewwel Qorti, sabiex jikkontesta t-talba tal-Bank appellat ghat-tpacija *animo compensandi*. Dan ifisser li meta l-Kummissarju appellant ressaq l-opposizzjoni tieghu ghall-kompensazzjoni *animo compensandi* mitluba mill-bank, huwa zgur li ma kienx ghadu nnotifika lis-socjeta` debitrici u lanqas lir-rapprezentant taghha b'att gudizzjarju kif titlob il-ligi. Kwindi l-pretensjoni tal-Kummissarju appellant f'dak l-istadju kienet prematura u certament ma kienitx wahda gustifikata. Isegwi li lanqas taht dan l-aspett l-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi ma jista' jirnexxi.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell interpost mill-appellant, Kummissarju tat-Taxxi, billi filwaqt li tichad l-istess, tikkonferma d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Gunju, 2018, fl-ismijiet premessi, fis-shih.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-Kummissarju appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb